**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 90/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Walid Alsalo**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Walid Alsalo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 133186(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Mejju 2019 għall-ħabta ta' 13:30hrs fi Triq Għollieqa, San Ġwann, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti, stante li l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest mill-liġi, ma sabitx lill-imputat Walid Alsalo ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontrih, u għaldaqstant illiberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi sabiex issib ħtija u tinfliġġi piena skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-uniku aggravju vventilat mill-Avukat Ġenerali huwa msejjes fuq punt ta' dritt proċedurali u mhux fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' provi. Jisħaq fl-appell minnu ntentat illi kien infurmat mill-iSpettur Jonathan Ransley li prova kruċjali f'din il-kawża ta' natura sommarja, konsistenti f'filmat, kienet mwarrba mill-Ewwel Qorti unikament għal mottiv li hija sabet diffikulta' biex taċċessah minħabba problemi tekniċi. L-Avukat Ġenerali jilmenta li minħabba f'hekk, l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni ta' prova ewlenija u per konsegwenza, l-appellat ġie lliberat erronjament mill-unika imputazzjoni lilu addebitata.

Illi, din l-kawża ta' natura sommarja bdiet u ntemmet fl-istess ġurnata, u ċioe' nhar id-9 ta' Frar 2023. Mill-verbal tal-istess seduta jirriżultaw is-segwenti fatti probatorji:–

> **"Meta ssejħet il-kawża, deher l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Ransley.**
>
> **Deher l-imputat assistit minn Dr Jason Grima.**
>
> **Deher Houto Nazmi Khalil li ħa l-ġurament biex jinterpreta l-proċeduri mill-lingwa Maltija għal dik Għarbija.**
>
> **Xehed bil-ġurament Faustino Marmara u esebixxa pendrive (FM1) u dokument (FM2).**
>
> **Il-Prosekuzzjoni m'għandiex aktar provi xi tressaq.**

**Id-difiza m'għandiex provi.**

**Deċiża."**

Illi, allura dak li jikkontendi l-Avukat Ġenerali, illi l-Qorti skartat din il-prova konsistenti f'filmat eżebit mill-parti offiża ma jsibx konfort fl-atti tal-kawża. Mill-verbal tal-unika seduta li kien hemm quddiem l-Ewwel Qorti, l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda talba intiża sabiex din il-prova tkun tista' tiġi murija lill-qorti bħal per eżempju sabiex jinħatar xi espert li jista' igħin lill-Qorti taċċessa dan il-filmat. Din id-diffikulta' riskontrata mill-Ewwel Qorti ma hijiex reġistrata in atti. Kif lanqas jirriżulta mis-sentenza appellata illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li għaddiet biex tillibera lill-appellat kienet tistrieħ unikament fuq dan il-fatt.

Illi fuq kollox kien id-dmir tal-Prosekuzzjoni li tara illi jitressqu quddiem il-qorti provi b'saħħithom li jwasslu sal-grad minnha mistenni fil-liġi. Il-Prosekuzzjoni kellha tara li l-prova li hija xtaqet tagħmel permezz tal-filmat eżebit kienet prova li tiswa u li kienet tali li isaħħaħ it-teżi tagħha, u ċioe' li l-appellat kien ħati lil hinn minn kull dubbju dwar dak li kien jinsab mixli. Dan iktar u iktar f'xenarju fejn il-parti offiża qatt ma ra b'għajnejh is-sewwieq tal-vettura li allegatament baqgħet dieħla fil-parapett tad-dar tiegħu u ikkaġunatlu l-ħsara reklamata. Mhux biss, iżda għalkemm Marmara ndika lill-pulizija n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li allegatament ikkaġjonat il-ħsara, liema numru huwa kien osserva minn fuq il-filmat tal-kamera tas-sigurta', l-Prosekuzzjoni lanqas indenjat ruħha tressaq ebda rappreżentant minn Transport Malta sabiex jindika lil min kienet tappartjeni din il-vettura u li allura bejnha u bejn l-appellat seta' kien hemm xi ness.

Illi l-uniku prova li hemm fl-atti li tista' torbot lill-appellat mal-ħsara kaġjonata huwa dak minnu mistqarr lill-pulizija li nvestiga il-każ, wara li kien debitament imwissi fejn ammetta li hu jagħmel użu minn din il-vettura, għalkemm jiċħad li hu ħabat b'din il-vettura jew ikkaġuna xi ħsara. Illi jingħad li għalkemm din il-Qorti ukoll ippruvat taċċessa dan il-filmat, madanakollu anke hi irriskontrat diffikulta' sabiex tagħmel dan għaliex id-dokument ma setax jinqara.

Illi finalment, għalkemm fir-rikors tal-appell, l-Avukat Ġenerali jsemmi l-ħsieb li jressaq talba quddiem din il-Qorti sabiex jittella' jixhed l-iSpettur Ransley dwar l-allegazzjoni mertu ta' dana l-appell, tali talba qatt ma saret u tali prova qatt ma tressqet. In vista ta dan kollu, l-allegazzjoni tal-Avukat Ġenerali ma hijiex imsaħħa bir-riżultanzi proċesswali u kwindi l-aggravju mressaq minnu qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**